# REGOLAMENTI TAL-KAMPJONATI U14, U15, U17

# Staġun 2021/22

**(VERŻJONI 30.07.2021)**

**KONTENUT**

1. Skop ........ 4

2. Eliġibbiltà ........ 4

3. Eliġibbiltà tal-Plejers ........ 5

4. Regolamenti għall-Kampjonat Under 17, 15 u 14........ 6

5. Kompetizzjonijiet ........ 6

6. Amalgamazzjoni ta' Nurseries ........ 7

7. Deċiżjonijiet tal-Bord tal-Kontroll u d-Dixxiplina ........ 7

8. Kontroll tal-logħob........ 8

9. Abbandun ta' logħba ........ 8

10. Lista tal-Plejers u Uffiċjali tal-Club / Nursery fil-logħob kompetittiv........ 8

11. Kompetizzjoni tal-Under 14 Development........ 9

12. Sostituzzjonijiet waqt il-logħba ........ 10

13. Release tal-Plejer ........ 10

14. Numru ta' Plejers fil-Grawnd........ 10

15. Partiti li ma jibdewx fil-ħin stipulat........ 11

16. Fixtures ........ 11

17. Ground Restricted Area (G.R.A)........ 11

18. Ċerimonja qabel u wara l-Partita........ 12

19. Kit tal-Plejers........ 12

20. Bdil ta' Kuluri ........ 12

21. Ineliġibbiltà ........ 12

22. Superviżjoni waqt il-Logħob ........ 13

23. Stewards ........ 13

24. Servizz Mediku........ 14

25. Polza ta' Assigurazzjoni........ 15

26. Protesti ........ 15

27. Emendi għar-Regolamenti tal-Kompetizzjoni ........ 15

28. Permess għal-Logħbiet u organizzazjoni ta' Tournaments u Festivals ........ 15

29. Imġieba ta' Uffiċjal / Membru tal-Kumitat / Staff / Partitarji ........ 16

30. Użu ta' apparat elettroniku ........ 16

31. Mementos u Trofej ........ 16

32. Regoli u Proċeduri tal-Malta F.A. ........ 16

33. Regolamenti marbuta mal-Covid-19 ........ 16

364. Force Majeur ........ 16

Appendix A – Change or correction to the Official Match Report Form already given to the Referee 17

## 1. Skop

Regolamenti tal-kompetizzjonijiet tal-Under 14, Under 15 u Under 17 organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol".

## 2. Eliġibbiltà

a) Klabbs / Nurseries li għandhom il-liċenzja biex joperaw bħala Nursery fl-iskema ta' liċenzjar tan-Nurseries, għandhom strettament josservaw ir-regolamenti tal-Malta FA fir-rigward tan-Nurseries.

**b) Plejers akkreditati**

Plejer biex jitqies li hu eliġibbli biex jilgħab fil-kompetizzjonijiet;

(i) Irid ikun ġie rreġistrat bħala Plejer mal-Malta FA skont l-istess regolamenti tal-Malta FA mal-Malta FA 'Parent Club' partikolari, jew;

(ii) Xi regolament ieħor li jirrigwardja l-eliġibbiltà ta' Plejer maħruġ mill-Malta FA.

**c) Plejers Barranin u Homegrown**

(i) Waqt logħob tal-kampjonati U14, U15 u U17 organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol", plejers hekk imsejħa **barranin** li jkunu rreġistrati għand il-Malta FA, huma **massimu ta' żewġ (2) plejers biss** eliġibbli li jieħdu sehem *on the field of play* sakemm mhux meqjusin bħala 'homegrown' skond l-artiklu 2C (ii).

(ii) Waqt logħob tal-kampjonati organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol", plejers hekk imsejħa '**homegrown'** li jkunu rreġistrati għand il-Malta FA, huma **massimu ta' plejer wieħed (1) biss** eliġibbli li jieħu sehem *on the field of play*. Il-Klabb / Nursery tal-'homegrown' plejer irid jippreżenta evidenza ċara lill-fondazzjoni (*foundationcompetitions@mfa.com.mt*) li kien qiegħed jattendi edukazzjoni f'Malta fl-erba' (4) snin skolastiċi konsekuttivi ta' qabel jibda' l-kampjonat. Il-proċess u r-regolamenti kollha tar-reġistrazzjonijiet permezz tat-TMS jibqgħu japplikaw. Kull darba li l-fondazzjoni tiġi nnotifikata bi plejer *homegrown* flimkien mad-dokumentazzjoni neċċessarja, tintbagħat notifika lill-Klabbs / nurseries kollha.

(iii) Hu permess li *on the field of play,* ikunu qegħdin jilagħbu mhux aktar minn tliet (3) plejers barranin u / jew homegrown skond l-artikli 2C(i) u 2C(ii).

**d) Cut-off dates għall-kompetizzjonijiet**

| STAĠUN | U17 | U15 | U14 |
|---|---|---|---|
| Staġun 2021-22 | 1 ta' Jannar 2005<br>21 ta' Diċembru 2006 | 1 ta' Jannar 2007<br>31 ta' Diċembru 2008 | 1 ta' Jannar 2008<br>31 ta' Diċembru 2008 |

**e) Kompetizzjoni Under 17**

Plejer tal-U15, imwieled mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007, huwa eliġibbli li jilgħab logħba tal-kampjonat jew *knock out* tal-U17 iżda japplikaw dawn ir-restrizzjonijiet:

(i) Plejer tal-U15 (imwieled mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007) jista' jkun inkluż f'line-up waħda fi żmien 48 siegħa.

(ii) Sa massimu ta' ħames (5) plejers U15 (imwielda mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007) jistgħu jkunu nklużi f'line up tal-U17.

**f) Kompetizzjoni Under 14**

Plejers imwielda bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009 (irreferi għal f (iii)) huma eliġibbli li jipparteċipaw iżda japplikaw dawn ir-restrizzjonijiet:

(i) Massimu ta' tliet (3) *Guest* Plejers mill-istess Klabb / Nursery, imwelda bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2007 huma eliġibbli li jipparteċipaw (irreferi għal f (ii))

(ii) Plejer imwieled fl-2007 (U15) u fl-2008 (U14), jista' jilgħab sa' massimu ta' tmenin (80) minuta fl-istess *weekend* fil-kompetizzjonijiet tal-U14 u U15 (ħin miżjud huwa eskluż) iżda ma jkunx elġibbli li jkun inkluż fil-line-up tal-U17 fl-istess imsemmi weekend f'każ ta' plejer imwieled fl-2007 (U15). Din ir-regola ma tapplikax biss għall-Goalkeeper imwieled fl-2008 (U14), iġifieri Goalkeeper imwieled fl-2008 jista` jilgħab sa massimu 80 minuta mal-U15 u 60 minuta mal-U14 fl-istess *weekend*.

(iii) Massimu ta' sitt (6) *Guest* Plejers mill-istess Klabb / Nursery, imwielda bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2009 huma wkoll eliġibbli li jipparteċipaw.

**g) Reġistrazzjonijiet**

Plejer li jkun:

(i) Irreġistra mal-Malta FA skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-Malta FA, liema reġistrazzjoni tiġi milqugħa mill-Malta FA huwa eliġibbli li jieħu sehem fil-Kompetizzjonijiet Under 14, Under 15 jew Under 17 organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol", għandu jibqa' jieħu sehem mal-Youth Club jew Nursery tal-istess Malta FA 'Parent Club' sakemm jibqa' eliġibbli li jilgħab fil-Kompetizzjonijiet ta' Under 14, Under 15 jew Under 17, sakemm il-plejer ma jiġix 'Released' mill-istess Malta FA Parent Club jew b'deċiżjoni tal-Malta FA.

(ii) Meta plejer jiġi trasferit jew misluf minn Klabb għall-ieħor, ir-regolamenti tal-MFA fir-rigward ta' self jew trasferiment ta' *amateur player* japplikaw.

## 3. <u>Eliġibbiltà tal-Plejers</u>

***Kompetizzjonijiet***

(a) Fil-livell tal-Kompetizzjoni Under 14, plejer huwa eliġibbli li jieħu sehem ma' Klabb jew Nursery tal-Malta FA Parent Club li miegħu l-imsemmi plejer ikun irreġistra fi ħdan il-Malta FA skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-Malta FA. Il-plejer irid ikun ta' età skont kif stipulat l-artiklu Nru. 2(d).

(b) Fil-livell tal-Kompetizzjoni Under 15, plejer huwa eliġibbli li jieħu sehem ma' Klabb jew Nursery tal-Malta FA Parent Club li miegħu l-imsemmi plejer ikun irreġistra fi ħdan l-Malta FA skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-Malta FA. Il-plejer irid ikun ta' età skont l-artiklu Nru. 2(d).

(c) Fil-livell tal-Kompetizzjoni Under 17, plejer huwa eliġibbli li jieħu sehem ma' Klabb jew Nursery tal-Malta FA Parent Club li miegħu l-imsemmi plejer ikun irreġistra fi ħdan l-Malta FA skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-Malta FA. Il-plejer irid ikun ta' età skont l-artiklu Nru. 2(d).

(d) Plejer li jkun qed jieħu parti/lagħab fil-livell ta' Kompetizzjoni Under 15, u matul l-istaġun kurrenti, jagħlaq l-14-il sena, jista' jirreġistra mal-istess Malta FA *Parent Club*, iżda jrid ikompli l-istaġun fil-kompetizzjoni tal-Under 15.

(e) Meta plejer ikollu ismu mniżżel fuq il-line-up huwa meqjus li ħa sehem f'dik il-logħba partikolari, sew jekk lagħab jew ma lagħabx, dan għal skopijiet ta' eliġibbiltà.

## 4. Regolamenti għall-Kampjonati tal-Under 17, 15 u 14

Il-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" tikkomunika r-regolamenti li japplikaw għall-kampjonati U17, 15, 14, waqt li l-Youth FA tikkomunika r-regolamenti li japplikaw għall-festivals u *fun games* mill-U13s l-isfel skont kif maqbul maċ-Ċentru Tekniku.

## 5. Kompetizzjonijiet

### a) Ħlas tal-parteċipazzjoni

(i) Parteċipazzjoni U17 - €150.00
(ii) Parteċipazzjoni U15 - €150.00
(iii) Parteċipazzjoni U14 - €100.00

### b) Numru ta' plejers

Biex Klabb / Nursery tipparteċipa fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-Malta FA jrid ikollha mhux anqas minn 20 plejer rreġistrati mal-Malta FA fil-kategorija tal-U15 u tal-U17 rispettivi u jrid ikollha mhux inqas minn 13-il plejer fil-kategorija tal-U14 (imwielda fl-2008).

### c) Ħin

Il-ħinijiet tal-logħbiet tal-kompetizzjonijiet tal-futbol organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" huwa dawk stipulati miċ-Ċentru Tekniku:

(i) Logħbiet Under 17 = 90 minuta; żewg taqsimiet ta' 45 minuta + 15-il minuta mistrieħ
(ii) Logħbiet Under 15 = 80 minuta; żewġ taqsimiet ta' 40 minuta + 15-il minuta mistrieħ
(iii) Logħbiet Under 14 = 60 minuta; żewġ taqsimiet ta' 30 minuta + 10 minuti mistrieħ

### d) Punti / Klassifika / Knock-Out

Ir-regolamenti hekk kif maħruġa mill-Malta FA japplikaw.

Irreferi għal Sezzjoni V - ***Competition Rules*** *(Artiklu 35)* b'eċċezzjoni għal dan li ġej:

(i) Fir-rigward ta' *deciders* jew *knock-out* fil-kompetizzjonijiet tal-U15, f'każ ta' parità wara l-ħin regolamentari, l-logħba tmur għal 20 minuta ta' ħin supplementari (10 minuti kull taqsima), u f'każ ta' parità jingħataw il-penalties.
(ii) Fir-rigward ta' *deciders* jew *knock-out* fil-kompetizzjonijiet tal-U14, f'każ ta' parità wara l-ħin regolamentari, il-logħba tmur direttament għall-penalties.

**e) Yellow / Red Cards fil-Kompetizzjonijiet tal-Malta FA**

Ir-regolamenti dwar il-karti sofor u ħomor, inkluż ħlasijiet huma dawk kif hemm fir-regolamenti tal-Malta FA.

**f) Grawnds**

i) Il-Kompetizzjonijiet organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" għandhom isiru fil-grawnds li tiddeċiedi hi hekk kif maħruga skont il-fixtures. L-ebda Klabb ma għandu dritt li jipprotesta biex jinbidel il-*Ground Venue*.

ii) Kull Klabb huwa obbligat li josserva l-qisien tal-*Field of Play*, lasti eċċ skont kif stipulat miċ-Ċentru Tekniku u l-Fondazzjoni minn żmien għal żmien.

**g) Blalen**

Il-Klabbs għandhom l-obbligu li għal-logħob iniżżlu magħhom minimu ta' tliet (3) blalen adekwati għal-logħob. Dawn il-blalen iridu jkunu ta' qies hekk kif stipulat mir-regolamenti tal-Kompetizzjoni u li skont ir-Referee tal-partita dawn il-blalen huma tajbin għal-logħob.

Meta jiġi rrappurtat li xi Klabb ma jkunx ħa blalen adekwati għal-logħob, il-Klabb teħel multa ta' €40.00. F'każ li jiġi rrappurtat li ż-żewġ Klabbs ma kellhomx blalen adekwati għal-logħob u għalhekk il-logħba ma setgħetx issir, il-Klabbs jeħlu multa ta' €40.00 kull wieħed kif ukoll jittieħdu miżuri oħra.

Il-qies tal-Blalen għall-kompetizzjonijiet tal-U17, U15 u U14 għandhom ikunu ta' Size 5.

**6. <u>Amalgamazzjoni ta' Nurseries</u>**

a) Timijiet li jixtiequ jamalgamaw ma' xulxin bħala tim wieħed fil-kompetizzjonijiet tal-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" u liema timijiet ikunu spiċċaw f'sezzjonijiet differenti tal-kampjonat preċedenti, għandhom id-dritt li jagħzlu f'liema sezzjonijiet se jilagħbu mis-sezzjonijiet li jkunu spiċċaw fihom l-istaġun ta' qabel, it-timijiet li se jamalgamaw. Il-Fondazzjoni għandha tkun infurmata b'dan mal-applikazzjoni. **Amalgamazzjoni wara tlugħ tal-poloz mhix permessa**.

b) F'każ li l-amalgamazzjoni tiġi xolta wara staġun jew aktar, it-timijiet involuti jkunu jistgħu jipparteċipaw bħala tim ġdid li qed jikkompeti għall-ewwel darba fil-kompetizzjonijiet u għaldaqstant għandu jibda mill-aħħar sezzjoni bħala tim separat mill-istaġun sussegwenti. Din tapplika għat-timijiet li fl-istaġun ta' qabel kienu nvoluti fl-amalgamazzjoni.

**7. <u>Deċiżjonijiet tal-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina</u>**

Ir-regolamenti hekk kif maħruġa mill-Malta FA japplikaw.

Irreferi għar-regolamenti applikabbli tal-istatut tal-Malta FA u għal Sezzjoni IX - ***Disciplinary Procedures and Sanctions***

i) Fil-kuntest li f'dawn il-kompetizzjonijiet il-kowċ u t-tim tekniku għandhom ikunu ta' eżempju għall-plejers żgħażagħ, il-kowċ jew oħrajn li jifformaw parti mit-tim tekniku li jiġu rrapportati li aġixxew b'mod irresponsabbli u ta' nuqqas ta' eżempju, se jittieħdu miżuri ulterjuri ta' dixxiplina fuqhom li jistgħu anki jwasslu għal sospensjoni tal-liċenzja tal-coaching.

**8. <u>Kontroll tal-logħob</u>**

a) Il-logħbiet organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol", jiġu kkontrollati mir-Referees tal-Malta FA jew persuni li jkunu awtorizzati mill-Fondazzjoni jew rappreżentanti tagħha preżenti fil-Grawnd.

b) Il-Klabbs huma mitluba li jżommu mad-dmirijiet/regolamenti fir-rigward ta' Club Linesmen, hekk kif mitluba fl-għoti ta' liċenzji lin-Nurseries maħruġa mill-Malta FA. Kif ukoll, li josservaw dak kollu marbut sew dwar il-kontroll/parteċipazzjoni skont l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Fondazzjoni, il-Malta FA, jew ir-*Referees Board*.

c) Fir-rigward tal-kampjonat tal-Under 14, il-logħba tiġi kkontrollata b'minimu ta' referee wieħed (1) u massimu ta' żewġ (2) referees provduti mill-Malta FA.

d) Il-Klabbs għandhom f'kull logħba tal-Under 14 jinnominaw uffiċjal tal-logħba biex jassisti lill-uffiċjali tal-logħba f'każ ta' bżonn.

**9. <u>Abbandun ta' logħba</u>**

Ir-regolamenti hekk kif maħruġa mill-Malta FA japplikaw.

Irreferi għal Sezzjoni V – ***Competition Rules*** u Sezzjoni IX - ***Disciplinary Procedures and Sanctions***.

Jekk għal xi raġuni, il-logħba tiġi abbandunata minħabba komportament jew imġieba ħażina mill-kowċ jew parti mit-tim tekniku, barra l-passi dixxiplinarji lejn il-Klabb, jittieħdu miżuri ulterjuri ta' dixxiplina li jistgħu wkoll iwasslu għal sospensjoni ta' liċenzja tal-coaching.

**10. <u>Lista tal-Plejers u Uffiċjali tal-Klabb fil-logħob kompetittiv</u>**

a) Klabb għandu jissottometti l-*lineup* fuq is-sistema tal-COMET sa mhux aktar tard minn tletin (30) minuta qabel il-bidu tal-partita.

b) Id-delegat tal-Klabb irid jippreżenta l-*lineup form* maħruġa mill-COMET flimkien ma' tliet (3) kopji lill-Ground Inspector qabel il-logħba.

c) Mingħajr COMET Line-up, il-logħba ma tintlagħbx.

d) F'każ li jkun hemm bżonn tibdil ta' plejers wara li tkun sottomessa l-*lineup* fuq il-COMET, qabel il-logħba, għandha timtela ċ-*Change or Correction to the Official Match Report Form already given to the Referee.* Din tinsab annessa ma' dan id-dokument bħala "Appendix A". Tliet kopji ta' din il-formola għandhom jiġu ppreżentati lir-Referee flimkien mal-*line-up* pprintjata mill-COMET.

e) L-erba' (4) Uffiċjali (flimkien mal-Mediku Kwalifikat, Goalkeeper Coach u Football Fitness Coach Kwalifikat) li jkunu ġewwa l-Ground Restricted Area (G.R.A.) irid ikollhom isimhom imniżżel fuq il-Line-Up.

f) L-Uffiċjali tal-Klabb / Nursery għandhom l-obbligu li jkollhom magħhom dokument validu, biex iservi ta' mezz ta' identifikazzjoni jekk meħtieġ. F'każ li xi Uffiċjal ma jurix dan id-dokument meta jiġu mitluba, ir-Referee għandu d-dritt li jkeċċi lil dan l-Uffiċjal mill-Ground Restricted Area.

F'nuqqas li jiġi osservat dan ir-regolament, il-Klabb jiġi awtomatikament immultat €10 apparti xi miżuri dixxiplinarji oħra. F'każ illi l-każ jerġa' jirrepeti ruħu l-Klabb/Nursery jiġi mmultat €25 kull darba apparti passi dixxiplinarji oħra.

g) Il-*line-ups* għandhom jiġu mogħtija lir-Referee qabel il-bidu tal-logħba mill-Ground Inspector preżenti.

h) Il-Klabbs/Nursery jistgħu biss jużaw il-Comet line-up bħala mezz ta' identifikazzjoni tal-plejers. Il-Klabbs għandhom aċċess għall-identifikazzjoni tal-plejers tat-timijiet kollha fuq il-COMET. F'każ li Klabbs iridu jressqu protest, iridu jimxu mar-regolamenti tal-Malta FA.

i) Il-Klabb huwa obbligat li jkollu fuq il-bank, l-istaff tekniku b'liċenzja skont kif mitlub miċ-Ċentru Tekniku. *Il-Ground Inspector* fid-dover li jiċċekkja l-liċenzja tal-*coaches*. Id-dettalji jiġifieri, it-tip ta' liċenzja u n-numru tal-liċenzja tal-*coaching* għandhom jitniżżlu fil-*Match Inspector's Report*. Waqt il-ħin tal-logħba huwa l-kowċ jew l-assistent kowċ biss li jistgħu joqogħdu bilwieqfa fit-*technical area* u mhux it-tnejn fl-istess ħin. Persuni oħrajn li jkunu fuq il-bank ma għandhomx permess li joqogħdu bilwieqfa jew inkella jagħtu struzzjonijiet lill-plejers fil-grawnd waqt il-ħin tal-logħba.

j) Fuq il-*Match Sheet* jista' jkollok sa massimu ta' għoxrin (20) plejer għall-kompetizzjonijiet tal-U15 u U17 u massimu ta' tmintax (18)-il plejer għall-kompetizzjonijiet tal-U14.

## 11. <u>Kompetizzjoni tal-Under 14 Development</u>

a) L-i*Starting Line-Up* għandha tinkludi minimu ta' tmien (8) plejers imwielda fis-sena 2008 bil-kumplament tat-tliet (3) *Guest* Plejers imwielda fis-sena 2007 jew 2009 u rreġistrati mal-Klabb *(irreferi għal 2f).*

b) Plejers imwielda fis-sena 2007 u li jkunu msejħa għat-taħriġ mat-tim Nazzjonali bejn Ġunju 2021 u Mejju 2022, dawn ma jistgħux jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni bħala *guest* plejers mill-mument li ġew msejħa 'l quddiem. Dan jgħodd anke jekk dawn l-istess plejers ikunu ġew iddroppjati mis-selezzjoni fi kwalunkwe mument tal-istaġun.

c) Kull Nursery/Klabb trid tirreġistra l-iskwadra tal-Under 14 fis-sistema tal-COMET permezz tal-i***Squad List***. Dan għandu jsir billi dawk il-plejers eliġibbli biex jilgħabu f'din il-kompetizzjoni jitniżżlu fl-i*Squad List* hekk kif spjegat hawn taħt:

   i) Il-Plejers kollha (U14) imwielda bejn l-1 ta' Jannar 2008 u 31 ta' Diċembru 2008, jistgħu jitniżżlu fl-i*Squad List* qabel l-ewwel logħba tal-kampjonat. Din il-lista tista' fi kwalunkwe ħin matul l-istaġun tiġi aġġornata min-Nursery/Klabb ikkonċernat. *(Irreferi għal-artiklu 6b fir-rigward ta' minimu ta' plejers irreġistrati mal-Malta FA qabel il-bidu tal-kompetizzjoni).*

   ii) Il-Plejers kollha (U13) imwielda bejn l-1 ta' Jannar 2009 u 31 ta' Diċembru 2009, jistgħu jitniżżlu fl-i*Squad List* qabel l-ewwel logħba tal-kampjonat. Din il-lista tista' fi kwalunkwe ħin matul l-istaġun tiġi aġġornata min-Nursery/Klabb ikkonċernat. *(Irreferi għal-artiklu 2f(iii) fir-rigward ta' massimu ta' plejers eliġibbli li jilgħabu bħala guest plejers).*

   iii) Sa **<u>massimu ta' 6 plejers biss</u>** (U15) imwielda bejn l-1 ta' Jannar 2007 u 31 ta' Diċembru 2007, jistgħu jitniżżlu fl-i*Squad List* qabel l-ewwel logħba tal-kampjonat. Din il-lista ma tistax tiġi aġġornata matul l-istaġun ħlief b'eċċezzjoni waħda; bejn It-Tnejn 3 ta' Jannar u s-Sibt 15 ta' Jannar 2022. Il-lista ta' dawn il-*guest* plejers imwieldin fl-2007 (U15) ma tistgħax taċċedi l-massimu ta' plejers li huma sitta (6). Dawn il-plejers għandhom ikunu plejers li fil-fehma tal-istaff tekniku mhux ser ikunu plejers regolari fil-kompetizzjoni tal-Under 15 tal-istess staġun.

*(Irreferi għal-artiklu 2f(i) fir-rigward ta' massimu ta' plejers eliġibbli li jilgħabu bħala guest plejers).*

Ser jiskatta mekkaniżmu ta' kontroll hekk kif kull tim b'mod separat ikun lagħab sitt (6) logħbiet (fażi preliminari eskluża) fil-kompetizzjoni tal-Under 15. Plejer imwieled fl-2007 (U15) ma jistax ikun lagħab aktar minn 40% (192 minuta) tal-ħin dispost fl-ewwel sitt (6) logħbiet tal-kompetizzjoni tal-Under 15. F'każ li dan ir-regolament jiġi miksur, it-tim ikkonċernat jitlef id-dritt li jagħmel użu mill-*guest* plejers imwielda fl-2007 għall-kumplament tal-istaġun.

**Plejers li ma jkunux imniżżlin fl-i*Squad List* hekk kif spjegat fl-artiklu 11c, b'mod awtomatiku dawn ma jistgħux jiġu nklużi fil-line up dak inhar tal-logħba. F'każ li n-Nursery/ il-Klabb ikkonċernat jixtieq ineħħi plejers mill-lista tal-isquad list hekk kif permess bir-regolamenti, trid tintbagħat email uffiċċjali lill-foundationcompetitions@mfa.com.mt)**

d) **Sanzjoni Monetarja** - F'każ li-Klabb / Nursery jagħmel użu minn plejer/s ineliġibbli u/jew ksur ta' regolamenti oħra, tingħata multa ta' €200.00 għal kull plejer u/jew każ. Ma jista' jitressaq l-ebda protest f'din il-kategorija. Il-Bord tal-Kontroll u tad-Dixxiplina jirriserva d-dritt li jieħu deċizjonijiet ulterjuri jekk iħoss li Klabb / Nursery jikser ir-regolamenti b'mod malizzjuż u biex jieħu vantaġġ fuq l-avversarju. Dan l-artiklu jgħodd biss għal din il-kompetizzjoni.

## 12. Sostituzzjonijiet waqt il-logħba

a) Fl-Under 17 jista' jsiru sa mhux aktar minn ħames (5) sostituzzjonijiet. Fl-Under 15 u U14 jistgħu jsiru sa mhux aktar minn seba' (7) sostituzzjonijiet.

b) Kull tim hu ntitolat sa massimu ta' tliet (3) *substitution timeouts* li matulhom jistgħu jsiru s-sostituzzjonijiet.

c) Meta sostituzzjoni(jiet) issir(u) fil-*half time*, din ma tiġix ikkunsidrata bħala waħda mis-*substitution timeouts.*

d) Plejer li jkun ġie mibdul ma jistax jerġa' jkun parti mil-logħba għall-ebda raġuni.

## 13. Release tal-Plejer

Klabbs / Nurseries huma mitluba josservaw ir-regolamenti tal-Malta FA f'dan ir-rigward.

## 14. Numru ta' Plejers fil-Grawnd

Għall-Kompetizzjoni Under 17, Under 15 u Under 14, Klabb għandu jinżel għal-logħob bi ħdax (11) -il plejer u fi kwalunkwe każ ma jistax jibda l-logħba b'inqas minn disa' (9) plejers. Il-logħba tiġi abbandunata skont ir-regolamenti tal-Malta FA f'każ li dan ir-regolament ma jinżammx.

## 15. Partiti li ma jibdewx fil-ħin stipulat

Fejn partita ma tibdiex fil-ħin stipulat jew ma tintlagħabx għandhom japplikaw ir-regolamenti hekk kif maħruġa mill-Malta FA.

Irreferi għall-artiklu 17 tas-Sezzjoni V - ***Competition Rules*** tal-Malta FA.

B'eċċezzjoni ta':

Jekk Klabb jagħti tliet (3) walk-overs matul l-istaġun dan il-Klabb jista' jiġi mneħħi mill-Kompetizzjoni u b'riserva jekk jikkompetix fl-istaġun ta' wara.

## 16. Fixtures

a) Il-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" tipprepara l-Fixtures bid-dati u l-ħinijiet fuq bażi regolari jew skont in-neċessità. Ebda Fixture ma tista' tiġi mibdula jekk mhux b'deċiżjoni stess tal-Fondazzjoni.

b) Il-Fondazzjoni tirriserva d-dritt li f'ċertu ċirkostanzi tista' tagħti logħob tal-U17, U15 jew U14 fl-istess ġurnata iżda mhux fl-istess ħin.

c) Il-Fondazzjoni tirriserva d-dritt li f'ċertu ċirkostanzi tista' tagħti logħob tal-U17, U15 u/jew U14 matul il-ġimgħa.

d) Dawk it-teams li jkollhom aktar minn żewġ (2) plejers u/jew plejer li jilgħab bħala gowlkiper u li jkunu msejħa biex jilagħbu f'xi team nazzjonali, it-team tagħhom jiġi eżentat milli jingħata fixtures f'dak il-perjodu. Dawk it-timijiet li jkollhom żewġ (2) plejers jew anqas mgħajta man-nazzjonal ma għandhomx dritt għal din l-eżenzjoni.

e) Fil-bidu tal-istaġun kull Nursery tingħata opportunita biex tagħżel żewġ (2) dati biex tkun ikkunsidrata eżenzjoni ta' logħob f'dawk il-ġranet. Safar u affarijiet oħrajn personali mhumiex ikkunsidrati.

## 17. Ground Restricted Area (G.R.A.)

Fil-livell ta' Kompetizzjoni Under 14, Under 15 u Under 17, jistgħu jidħlu fil-Ground Restricted Area dawn li ġejjin:

a) L-uffiċjali fil-Ground Restricted Area jistgħu jkunu:
   i) Delegat tan-nursery (YFA Club Official) – dan huwa obbligatorju u għandu jkun membru tal-kumitat tal-istess nursery;
   ii) Kowċ tat-tim – ikkwalifikat u liċenzjat kif jitlob l-istess Statut u Competition Rules tal-Fondazzjoni. Dan il-Kowċ irid ikun ġie approvat b'liċenzja maħruġa mill-Malta FA. Il-Klabb / Nursery għandu jinforma bil-miktub jekk ikun hemm tibdil ta' kowċ;
   iii) Assistant Coach – ikkwalifikat u liċenzjat bħal fil-każ tal-kowċ;
   iv) Head Coach – ikkwalifikat u liċenzjat u bħal fil-każ tal-kowċ irid ikun reġistrat fuq il-COMET bħala YFA Head Coach. Il-Head Coach għandu jitniżżel bħala Team Manager fuq il-COMET Line-up;
   v) Goalkeepers Coach – ikkwalifikat u liċenzjat miċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA;
   vi) Football Fitness Coach – liċenzjat miċ-Ċentru Tekniku tal-Malta FA;
   vii) Tabib / Fiżjoterapista – ikkwalifikat.

L-ismijiet imsemmija hawn fuq għandhom ikunu approvati kollha fuq COMET skont il-kategorija li jaqgħu fiha qabel ma jibdew il-kompetizzjonijiet.

b) U17 u U15 – Massimu ta' għoxrin (20) plejer li jinkludu massimu ta' disgħa (9) sostituti u li jridu jkunu bil-kit kompluti.

c) U14 – Massimu ta' tmintax (18)-il plejer li jinkludu massimu ta' sebgħa (7) sostituti u li jridu jkunu bil-kit komplut.

**18. <u>Ċerimonja qabel u wara l-Partita</u>**

a) Qabel tibda l-logħba, il-plejers iridu joħorġu f'nofs il-grawnd flimkien mal-uffiċjali tal-logħba u jieħdu b'idejn xulxin.

b) Wara tmiem il-partita, il-plejers huma obbligati li jieħdu b'idejn xulxin qabel joħorġu mill-grawnd fil-preżenza tal-Uffiċjali tal-logħba.

**19. <u>Kit tal-Plejers</u>**

It-timijiet meta jinżlu għal-logħob kollu organizzat jew inkella bil-permess tal-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" iridu:

a) In-numru fuq il-flokk jikkorrispondi mal-line-up. In-numru jrid ikun minn tal-lanqas 25 ċentimetru. Klabbs jistgħu jużaw reklami, fuq il-flokkijiet basta dan ma jeċċediex it-300 ċentimetru kwadru u qabel jintbagħat disinn tar-reklam għall-approvazzjoni tal-Fondazzjoni. Ma jistgħux isiru reklami dwar partiti politiċi. Jekk Klabb jonqos milli tagħmel dak li hawn miktub u tinstab ħatja, tiġi ddixiplinata mill-Bord tal-Kontroll u d-Dixxiplina tal-Malta FA.

b) *Shin Guards* tul il-logħob kollu. Klabb li jiġi rrappurtat li xi plejers minn tiegħu ma għamlux użu jew neħħew għal xi perjodu tal-logħba x-*shin guards* tiġi ddixiplinata tal-Malta FA.

**20. <u>Bdil ta' Kuluri</u>**

Klabb qabel kull staġun iridu jirreġistraw mal-Fondazzjoni l-kuluri tal-flokkijiet / shorts / kalzetti, li jkunu ser jużaw għal-logħob matul l-istaġun. L-**<u>Away Team</u>** għandu dejjem jinżel b'żewġ settijiet ta' flokkijiet, inklużi tal-gowlkipers, ta' kulur differenti minn tat-tim oppost. Jekk logħba ma tkunx tista' ssir minħabba *clash* fil-kuluri, it-tim li suppost bidel il-kuluri, jista jiġi ddikjarat bħala dak li tilef il-partita.

**21. <u>Ineliġibbiltà</u>**

Fejn Klabb jidhirlu li t-tim oppost għamel użu minn plejer/s ineliġibbli, dan għandu jressaq protest quddiem il-Bord tal-Protesti tal-Malta FA, ħlief fil-kompetizzjoni tal-Under 14 *(Irreferi għall-artiklu 11b)*. Ir-regolamenti tal-Malta FA japplikaw.

**22. Superviżjoni waqt il-logħob**

Il-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" għandha d-dritt li taħtar grupp ta' persuni u/jew aġenziji sabiex jaqdu d-doveri ta' Ground Inspectors waqt il-logħob uffiċjali. In-nurseries huma obbligati li jħallsu għal dan is-servizz, pro-rata. F'każ li l-Fondazzjoni titlob, minħabba ċirkostanzi imprevisti, li s-servizz isir direttament min-nurseries, dawn jitħallsu wkoll pro-rata għas-servizz li jagħmlu.

**23. Stewards**

**a) Struzzjonijiet / Proċeduri / Dixxiplina dwar Stewards**

(i) Kull nursery għandha l-obbligu li tinnomina mhux anqas minn ħames (5) u mhux aktar minn tmien (8) persuni biex ikunu Stewards f'isem in-nursery waqt il-logħob tal-kompetizzjonijiet organizzati mill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol". Din il-lista għandha tiġi provduta lill-Youth FA.

(ii) Stewards irid ikollhom tal-anqas 18–il sena u jiġu rreġistrati fuq formola maħruġa fil-bidu tal-istaġun mill-Fondazzjoni. Għandhom jitniżżlu l-indirizz, in-numru tat-telephone, u n-numru tal-Karta tal-Identità ta' kull persuna. F'każ ta' tibdil fil-persuni reġistrati, is-Segretarju tan-Nursery għandu bil-miktub jinforma mill-aktar fis, lill-Fondazzjoni.

(iii) Kull Steward irid ikun imparzjali, eżemplari u jikkomunika mal-*Ground Inspector* u l-uffiċjali tal-logħba.

(iv) Kull nursery tigi mogħtija (3) bibs għall-użu tal-iStewards. In-Nursery hija responsabbli għall-bibs. Importanti li l-bib tintlibes kif suppost tul il-ħinijiet kif stipulati f'dawn ir-regolamenti. Dawk in-nursery li l-iStewards tagħhom jonqsu li jagħmlu dan, jiġu mmultati €15.00. Għal aktar minn offiża ta' darba l-multa tkun deċiża mil-Bord tad-Dixxiplina.

**b) Proċeduri**

(i) Steward għandu jkun preżenti tal-anqas 15–il minuta qabel il-bidu tal-logħba. Jippreżenta l-Karta tal-Identità tiegħu lill-Ground Inspector, jilbes il-bib ta' Steward provduta min-nursery tiegħu bil-marka. Taħt kull ċirkustanza Steward huwa obbligat jibqa' liebes il-bib sa tmiem id-doveri tiegħu.

(ii) Kull steward huwa fid-dover li qabel tibda l-logħba, jiffirma u jniżżel l-Karta tal-Identità tiegħu fuq il-Match Report li tkun għand il-Ground Inspector preżenti f'dik il-logħba partikulari. Huwa importanti li jkun hemm ħin qabel il-logħba biex iż-żewġ Stewards jitkellmu flimkien mal-Ground Inspector dwar kif iridu jimxu u jaġixxu fiċ-ċirkustanzi li jista' jkun hemm.

(iii) Mhux permess li Steward jidħol fil-*Ground Restricted Area* jekk mhux bil permess tal-Ground Inspector jew l-uffiċjali tal-logħba.

(iv) L-iSteward jibqa' responsabbli sakemm it-tim tiegħu jitlaq mill-Ground. Għaldaqstant għandu jsegwi mill-qrib it-tluq tat-tim tiegħu miż-żona tal-Ground.

(v) Qabel it-tluq tiegħu mill-Ground, l-iSteward jista' jiġbed l-attenzjoni tal-Ground Inspector, dwar xi rapport ta' nuqqasijiet jew proċeduri li jistgħu jgħinu fit-tħaddim ta' din is-sistema.

(vi) F'każ ta' bżonn Steward jista' jintalab biex jagħmel rapport bil-miktub.

(vii) Mhux permess f'ebda ħin, li Steward ikellem lir-referee jekk ma jkunx mitlub mill-Ground Inspector jew mill-istess uffiċjali tal-logħba.

(viii) Il-Fondazzjoni fil-bidu tal-istaġun jew meta jinħass il-bżonn tinforma lin-nurseries il-Grounds li fihom ikun meħtieġ li jkun hemm aktar minn Steward wieħed u ċirkustanzi rikjesti.

**c) Objettivi**

(i) L-iStewards huma mitluba biex ikunu f'postijiet ċentrali, fejn ikun hemm il-partitarji tat-timijiet tagħhom u jaraw, li kemm jista' jkun jinżamm spirtu sportiv.

(ii) Huwa ferm importanti li jkun hemm kolloborazzjoni sħiħa bejn l-iStewards taż-żewġ nurseries involuti waqt il-logħba.

(iii) Irid jintlaħaq l-għan bil-koperazzjoni ta' kulħadd, li nedukaw sens ta' dixxiplina fost is-supporters, plejers, kowċis u diriġenti. L-iSteward għandu jkun punt ta referiment li bl-eżempju tiegħu naslu għal dan il-għan.

(iv) Kull Steward huwa fid-dmir jara, li l-uffiċjali tal-logħba jkunu protetti bil-għajnuna jekk tkun meħtieġa ta' membri tal-Kumitat tan-Nursery.

**d) Dixxiplina**

(i) Kull rapport mir-referee jew Ground Inspector dwar nuqqas ta' doveri minn Steward, jitressaq quddiem il-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina. Il-Bord jieħu kull dixxiplina skont kif mitlub fil-Competition Rules. In-Nursery hija responsabbli wkoll għan-nuqqasijiet mill-iSteward innominat f'isimha.

(ii) Steward irrapurtat li ma kienx preżenti, awtomatikament in-nursery tiegħu tiġi mmultata €25. Jekk dan in-nuqqas ikun irrapurtat aktar minn darba l-multa tkun ta €35. Steward li ma jkunx liebes il-bib, in-nursery tiegħu tiġi mmultata multa ta' €25.

(iii) Steward li jkun irrapurtat b'komportament ħażin ta' gravita minima, in-nursery involuta tiġi mmultata multa ta' mhux anqas min €100, u sospensjoni ta' perjodu lil dak l-iSteward involut.

(iv) Il-Bord iżomm id-dritt li jista' jibdel, iżid jew inaqqas skont il-ħtieġa minn dawn l-istruzzjonijiet, Proċeduri u Dixxiplina fir-rigward ta' Stewards.

**24. Servizz Mediku**

a) Servizz mediku għandu jkun provdut lin-nurseries waqt kampjonati U14, U15 u U17 kif ukoll u liema spejjeż jiġu assorbiti mill-Malta FA skont kif komunikat f'Cirkulari 90/2019-2020 tal-Malta FA. Huwa meqjus li l-plejers kollha tal-Klabb għandhom il-kunsens tal-ġenituri / gwardjani legali tagħhom sabiex jagħmlu użu mill-istess servizz mediku waqt l-istess logħob, sakemm il-Fondazzjoni ma tkunx infurmata bil-kontra mingħand in-Nursery.

b) Logħob mill-Kampjonati / Kompetizzjonijiet organizzati f'isem il-Fondazzjoni u li fihom ma jkunx hemm preżenti servizz mediku, dak il-logħob ma għandux jibda. Għandu jingħata 15-il minuta ċans mill-ħin uffiċjali tal-*fixture* qabel ma din tiġi kkanċellata bil-konferma tal-Fondazzjoni.

c) Protokol Mediku: Huwa obbligu li kull nursery affiljata mal-Youth FA, jkollha mediku aġġornat ta' kull tifel li jitħarreġ fin-nursery. Il-protokol mediku huwa obbligatorju għall-etajiet kollha minn meta l-plejer ikun ser jibda t-taħriġ tiegħu għall-ewwel darba.

(i) Il-protokol mediku huwa wieħed privat u kunfidenzjali.

(ii) Kull rapport mediku bejn l-età ta' bejn 13 u 17–il sena, huwa validu għal sentejn (2) u jkun jeħtieġ li jinbidel wara sentejn (2), sakemm ma jkunx hemm bżonn li jinbidel minħabba xi kundizzjoni ġdida qabel iż-żmien mitlub. It-terminu ta' dan iż-żmien (sentejn) huwa validu għall-kompetizzjoinjiet. Iż-żmien ta' validità jista' jinbidel skont il-ħtieġa mogħtija mill-Malta FA. Dan ir-rapport mediku iridu jiġi sottomess fil-COMET.

(iii) Kull rimarki li jkun hemm fir-rigward tas-saħħa tal-plejer għandhom jiġu diskussi mal-kowċ/Head Coaches/helper li jkunu jassistu lit-tifel ikkonċernat, kif ukoll jekk ikun meħtieġ jittieħed parir mediku mit-tabib tan-nursery.

(iv) Bħala parti minn kontroll tas-sistema u biex tiġi assigurata li tingħata l-importanza lejn kull plejer, minn żmien għal żmien, il-Fondazzjoni ser tagħmel kontrolli fuq line-ups. Dawk il-plejers li ma jkunux fil-pussess ta' stipulat mediku għand in-nursery u isimhom jidher fuq il-line-up, jiġu awtomatikament sospiżi u sakemm jippreżentaw kopja oriġinali tal-protokol mediku, il-plejer inkwistjoni ma jkunx jista' jilgħab fil-kompetizzjonijiet imsemmija.

(v) F'każ li Klabb / Nursery tagħmel użu minn plejer fil-kompetizzjonijiet li ma jkollux stipulat mediku validu, ser ikun hemm multa ta' €300 għal kull każ.

## 25. <u>Polza ta' Assigurazzjoni</u>

Polza ta' Assigurazzjoni hija obbligatorja għan-nurseries kollha li jipparteċipaw fil-kategoriji tal-U17, U15 u U14. Ir-rata ta' ħlas tkun riveduta kull staġun skont il-*claims* li jkunu saru matul l-istaġun ta' qabel. Timijiet f'kategoriji/etajiet oħrajn jistgħu jkunu wkoll inklużi f'din il-polza. Kopja ta' din il-polza tingħata lil kull nursery mill-Youth FA.

## 26. <u>Protesti</u>

Id-Dixxiplina u Protesti għandhom isiru kif hemm provdut fir-regolamenti tal-Malta FA, ħlief fil-kompetizzjoni tal-Under 14 *(Irreferi għall-artiklu 11b)*. Ir-regolamenti tal-Malta FA japplikaw.

## 27. <u>Emendi għar-Regolamenti tal-Kompetizzjoni</u>

Emendi għal dawn ir-regolamenti, b'konsultazzjoni mal-Youth FA, inklużi l-formati tal-kompetizzjonijiet isiru mill-Fondazzjoni qabel il-bidu tal-istaġun. Dawn l-emendi jiġu ċċirkulati lill-Klabb / Nursery affiljati qabel jibda l-logħob Kompetittiv.

## 28. <u>Permess għal-Logħbiet u organizzazjoni ta' Tournaments u Festivals fil-kategoriji tal-U14, U15, U17</u>

a) Klabb li jkun irid jilgħab partiti ta' ħbiberija kontra timijiet barranin jew inkella jorganizza Tournaments jew jieħdu sehem f'Tournaments kemm lokali kif ukoll barra minn Malta jridu jitolbu għall-permess u kopja lill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol".

b) It-talba uffiċjali (bid-dettalji kollha) trid tintbagħat lill-Fondazzjoni (*foundationcompetitions@mfa.com.mt*) mill-anqas xahar qabel ma tkun ser isseħħ l-attività. F'każ li Klabb jonqos li jagħmel dan jiġi imwissi jew immultat mill-Malta FA.

**29. Imġieba ta' Uffiċjal / Membru tal-Kumitat / Staff / Partitarji**

Dawk l-Uffiċjali/Membru tal-Kumitat li jiġu rrapportati b'komportament ħażin waqt il-logħob organizzat mill-Fondazzjoni, i.e. Kampjonati / Kompetizzjonijiet Knock-Out jew attivitajiet oħra jistgħu jiġu akkużati quddiem il-Bord tal-Kontroll u d-Dixxiplina tal-Malta FA.

**30. Użu ta' apparat elettroniku**

L-użu ta' *electronic communication equipment* huwa permess diment li jintuża b'mod dirett għal fini ta' *player welfare* jew sigurtà, jew inkella għal skopijiet tattiċi jew ta' *coaching* (hekk kif 16tipulate fl-IFAB Laws of the Game (Law 4)).

Għal kwalunkwe tip ta' filming tal-partiti mill-Ground Restricted Area (GRA) għandha issir talba bil-miktub lill-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol".

**31. Mementos u Trofej**

Dawk in-nurseries li jkunu ġew mgħotija xi unur fi tmiem ta' dak l-istaġun partikulari, għandhom kull responsabbiltà tal-memento jew trofej mogħti lilhom. In-nurseries għandhom jirritornaw it-trofej għand il-Fondazzjoni "Inħobb il-Futbol" fi żmien ġimagħtejn minn meta jiġu mgħotija jekk mhux mitlub mod ieħor.

**32. Regolamenti u Proċeduri tal-Malta F.A.**

Kwalunkwe ħaġa li ma tkunx imdaħħla f'dawn ir-regolamenti għandhom jiġu applikati r-regoli tal-Malta FA. F'każ ta' kunflitt, ir-regolamenti tal-Malta FA. Jieħdu l-preċedenza fuq dawk ta' qabel.

**33. Regolamenti marbuta mal-Covid-19**

Il-kompetizzjonijiet huma suġġetti għall-kull regolament u/jew protokoll applikabbli kif stabbilit mill-Malta FA u/jew l-Awtoritajiet tas-Saħħa minn żmien għal żmien.

**34. Force Majeur**

F'każ li l-kampjonati jiġu tterminati b'mod primatur minħabba raġunijiet li lhinn mill-kontroll tal-partijiet kollha nvoluti, huma ir-regolamenti hekk kif maħruġa mill-Malta F.A. li japplikaw.

Irreferi għall-Sezzjoni VII - ***Rules Governing Competitions***.

**Appendix A – Change or correction to the Official Match Report Form already given to the Referee**

# OFFICIAL MATCH REPORT FORM

# COMPETITION RULE 18 (II) (A)

**Correction to the Official Match Report Form which has already been CONFIRMED on COMET or given to the Referee**

Date: ________________ Competition: ________________________________

Match: __________________________ vs. ____________________________

Club: ______________________________________________________________

Kindly note that Player: ___________________________________________________

With Shirt No: ________________ Comet ID No: __________________

- Is being added to the Official Match Report ☐
- Is being removed from the Official Match Report ☐
- Changed his shirt no. to ________________ ☐
- Is being replaced by player: ______________________________ ☐
  With Shirt No: _______ Comet ID No: _______

Signed by Club Official / Captain: ______________________________________

Signed by the Referee: ______________________________________